**30 ta' Mejju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

John Fenech

*versus*

Napoleone Grech

**Appalt — Kostituzzjoni in Mora — Art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili**

*Meta ma jiġix stipulat terminu li fih l-appaltatur għandu je żegwixxi l-appalt, huwa jista' jeżegwieh f'kull żmien, sakemm ma jiġix kostitwit in mora b'att ġudizzjarju dirett lill-appaltatur, li bih lil dan jiġi ntimat l-adempiment tal obligazzjoni tiegħu. Il-fatt li l-appaltatur jiġi mwissi bilfomm li, jekk ma jlestix sa ċertu żmien, l-appaltant ixolji l-appalt, ma jiswiex minflok din il-kostituzzjoni in mora; u jekk mbagħad l-appaltant ineħħi l-inkarigu lill-appaltatur, dan ikun att tiegħu unilaterali, u ma jġibx li l-appaltatur kien konsenzjenti għax-xoljiment tal-appalt.*

*L-appaltant jista' jxolji meta jrid l-appalt, għalkemm ixxogħol ikun beda; imma hu obligat iħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti skond iċ-ċirkustanzi, iżda li ma teċċedix il-qliegħ li seta' għamel l-appaltatur b'dak lappalt.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut kien taħ b'appalt ix-xogħol talaperturi, kompriż il-materjal, tat-tmien (8) flats li l-konvenut kien qiegħed italla' f'Rue D'Argens, Gżira, bil-prezz globali, l-imsemmi appalt, ta' £830; u illi, meta hu lesta minn erbgħa mill-imsemmijin appartamenti, il-konvenut żammu u qallu biex ma jkomplix l-erbgħa l-oħra, u b'hekk telfu l-qliegħ li kien sejjer jagħmel minnhom u kkaġunalu danni oħra konsistenti fil-materjal tax-xogħol maqtugħ u maħdum in preparazzjoni għall-imsemmi xogħol; u illi lkonvenut ħallsu f'diversi drabi £271 akkont, u kien anki fornieh bi ħġieġ serraturi u "railings" li flimkien iqumu £111. 11. 3d, mentri li kien aċċetta li jħallsu wkoll £4. 4. 0d

għal differenza fil-prezz ta' tmienja u għoxrin lukketti lilu forniti differenti minn dawk oriġinarjament mifthema; u li l-konvenut, imsejjaħ anki uffiċjalment biex iħallas lilu l-bilanċ tal-prezz tax-xogħol maħdum u l-ammont minnu dovut talli xolja unilateralment l-appalt, u li hu għandu dritt jeżiġi, naqas milli jagħmel dan; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu dik is-somma li tiġi stabbilita, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, rappreżentanti (a) il-bilanċ tal-prezz tax-xogħol eżegwit skond l-appalt, (b) u t-telf soffert minnu bħala konsegwenza tar-rexissjoni uniliterali tal-konvenut mill-kumplament tal-istess appalt fissens tal-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar 1953;

*Omissis;*

Rat il-verbal fil-fol. 75 tal-proċess li minnu jirriżulta li l-partijiet qablu li għandha l-ewwelnett tiġi deċiża l-eċċezzjoni kontenuta fil-paragrafu (2) tan-nota tal-eċċezzjonijiet, jiġifieri dik dwar ir-riduzzjoni tal-appalt;

*Omissis;*

Tikkunsidra, dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Ma jirriżultax li ġie appost terminu għall-eżekuzzjoni tal-appalt u allura l-attur seta' jeżegwieh f'kull żmien, sakemm ma jiġix kostitwit f'mora; il-għaliex fil-mora, li hija r-ritard legali, wieħed ma jinkorrix jekk mhux meta l-obligazzjoni tkun skaduta, jew bl-iskadenza tat-terminu stabbilit jew, fid-difett ta' dan it-terminu, bil-kostituzzjoni tad-debitur fil-mora, li skond il-liġi tagħna ssir b'interpellazzjoni b'att ġudizzjarju dirett lid-debitur, li fih jiġi lil dan intimat l-adempiment tal-obligazzjoni tiegħu. Dan jista' jiġi rikavat mill-konfront tad-dispożizzjonijiet kontenuti fl-art. 1120, 1121, 1173 tal-Kodiċi Ċivili;

F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda żmien appost għall-konvenzjoni, kif ġa ngħad u l-ebda żmien ma ġie mill-Qorti determinat lill-attur għall-eżekuzzjoni tal-obligazzjonijiet tiegħu; u dan, jiġifieri l-attur, lanqas ma ġie kostitwit in mora kif trid il-liġi permezz ta' att ġudizzjarju,

għaliex, jekk ġie mwissi li x-xogħol jiġi mogħti lil ħadd ieħor fil-każ li ma jlestix fi żmien għoxrin ġurnata mit-28 ta' Settembru 1951, dan sar mhux b'att ġudizzjarju, imma b'sempliċi ittra privata;

Lanqas, del resto, ma jirriżulta soddisfaċentement li l-attur tnikker fix-xogħol. Il-konvenut xehed li kitiblu l-imsemmija ittra għaliex sab li kien qiegħed jaħdem xogħol ta' ħadd ieħor, u Emmanuele Brincat, li kien qiegħed jaħdem fil-bini tal-konvenut, xehed li spiss kien imur mal-konvenut meta dan kien imur għand l-attur biex jgħaġġlu fix-xogħol; iżda mid-depożizzjoni tal-lavranti tal-attur jirriżulta li l-konvenut qatt — naturalment qabel ma ddeċieda jikteb l-imsemmija ittra — ma qalilhom li kienu sejrin bil-mod, jew b'xi mod ieħor li ma kienx kuntent bil-progress li kien qiegħed isir fix-xogħol, u li, meta ma poġġewx fil-lok ix-xogħol, dan kien dovut għall-fatt li l-bini ma kienx lest, jew għaliex kien ikun hemm fl-art materjal tal-bini li jostakola t-twaħħil tax-xogħol;

Komunkwe, kif ġa ngħad, l-attur ma kienx f'ritard legali meta l-konvenut ħall l-appalt, u għalhekk jibqa' li wieħed jara jekk hux veru li l-attur aċċetta l-ħall tal-appalt;

Fuq dan il-punt il-konvenut xehed li meta għadda ż-żmien indikat fl-imsemmija ittra li kiteb lill-attur, mar għand l-istess attur u qallu biex ikompli ż-żewġ flats ta' isfel biss, għaliex ix-xogħol tal-injam tal-flats l-oħra kien sejjer jagħtieh lil ħadd ieħor, u li l-attur irrispondieh bil-kliem "Kollox sewwa". Din hija l-unika prova li l-konvenut ipproduċa in sostenn tal-pretensjoni tiegħu li l-attur ma għandux aktar dritt jirreklama t-telf bħala konsegwenza tar-rexissjoni unilaterali tiegħu mill-kumplament ta' istess appalt, fis-sens tal-art. 1734 tal-Kodiċi ċitat;

Skond l-imsemmi artikolu, min jagħti x-xogħol jista' jħoll meta jrid il-kuntratt tal-appalt, għalkemm ix-xogħol ikun ġa beda, billi jħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti skond iċ-ċirkustanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ

li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt. L-attur kwindi ma setgħax jirrispondi diversament. Jekk il-konvenut ried ineħħilu l-appalt, huwa ma setgħax iżommu, u bil-kliem "all right" biss, fiċ-ċirkustanzi, ċertament ma jistgħax jingħad li l-attur irrinunzja għad-drittijiet tiegħu riżultanti mill-ħall tal-kuntratt tal-appalt bil-volontà biss ta' min taħ l-appalt; u dan apparti l-fatt li l-attur xehed illi, meta l-konvenut qallu li kien ta lil ħadd ieħor ix-xogħol ta' żewġ flats, irrispondieħ billi qallu biex jiftakar li l-ftehim kien għax-xogħol kollu, u li, meta wara li kien għadda ftit taż-żmien, il-konvenut qallu li kien ta lil ħadd ieħor anki x-xogħol taż-żewġ flats tat-tieni sular, irrispondieh li kien ġa beda x-xogħol ta' dawk il-flats, u wrieħ il-gallarijiet, imma l-konvenut qallu biex jieqaf u jħallsu tal-ħsara li sofra. L-attur kompla jixhed fis-sens li allura hu waqaf biex ma jkomplix ikabbar il-ħsara, però qallu biex jiftakar li l-ftehim kien għax-xogħol kollu, u allura l-konvenut reġa qallu biex ma jkomplix u biex imur ħalli jħallsu tax-xogħol li kien bata peress li kien hemm dak ix-xogħol mibdi; iżda meta hu mar biex jitħallas, ma ftehmux għaliex, fil-waqt li hu ppretenda tax-xogħol li għamel is-somma ta' £415, il-konvenut ried jagħtieh £372;

Mill-fatt li l-attur talab is-somma riferita għax-xogħol li kien għamel — mhux għal dak biss li kien għamel fil-flats li in rigward tagħhom kompla l-appalt, imma anki għall-oħrajn li in rigward tagħhom il-konvenut ħall l-istess appalt — ma tistgħax tiġi legalment argumentata rinunzja għad-dritt tiegħu għas-somma mill-qliegħ li seta' għamel; anki għaliex fis-somma li talab kien hemm, preżumibbilment kompriż il-kalkolu tal-qliegħ mix-xogħol li kien laħaq għamel għal dik il-parti tal-appalt li ma kompliex għaliex il-konvenut ħall l-appalt għal dik il-parti;

Għaldaqstant;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż; u tirrimanda l-kawża għall-udienza tat-22 ta' Ġunju 1961 għall-provvediment li hu meħtieġ għad-deċiżjoni tal-meritu.